# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1120/10/2 MCH**

**Middlesea Insurance p.l.c. illum Mapfre Middlesea p.l.c. (C – 113)**

**v.**

**Emanuel Ciantar; u b'digriet tas-16 ta' Jannar, 2012, intervjenew fil-proċeduri *in statu et terminis* il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u *Motor Insurers' Bureau***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intervenuti fil-kawża Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u *Motor Insurers' Bureau* (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") fis-7 ta' Marzu, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla

tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") billi tikkonfermaha safejn laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tas-soċjeta` attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijiet dwarhom u safejn ukoll sabet li l-poloz ta' assikurazzjoni tħassru biss safejn jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn is-soċjeta` attriċi appellata u l-imħarrek assikurat magħha, u billi tħassarha safejn laqgħet it-tielet talba attriċi u, minflok, tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-intervenuti fil-kawża, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanija attriċi appellata;

2. Illi l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, kienet qatgħetha li tiċħad ir-raba' eċċezzjoni mqajma mill-imħarrek dwar il-preskrizzjoni tat-talba attriċi safejn tolqot il-vettura tal-għamla *Peugeot Partner* reġistrata HBD-096 u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tiegħu u billi ċaħdet ukoll dawk tal-intervenuti fil-kawża u laqgħet it-talbiet attriċi kollha (bil-preċiżazzjoni fuq imsemmija dwar l-effetti tat-tħassir tal-poloz ta' assikurazzjoni), bl-ispejjeż kontra l-imħarrek assikurat, filwaqt li l-intervenuti fil-kawża appellanti kellhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom;

3. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti qieset kif ġej:

> "*Illi, skont is-soċjetà rikorrenti, dina l-kawża qed issir abbażi tas-sub-artikolu 3 tal-artikolu 10 tal-Kap. 104, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni:*
>
> > *"Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-*

> *disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal dik ir-raġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha."*

*Huwa principju guridiku fundamentali li l-kuntratt ta' assigurazzjoni ghandu jkun regolat bil-massima bona fede, u dan mhux biss fil-kors ta' l-esekuzzjoni tieghu, imma wkoll fit-trattativi sakemm jigi konkjuz u l-polza maghruga" (**Adriano Cassar Galea noe vs Paul Cuschieri**, App Civ 31/07/1996).*

*In kwantu bazat fuq in-nozzjoni tal-uberrimae fidei kuntratt bhal dan ghandu jirrivesti l-bona fede fil-perkors u durata kollu tieghu. Hekk per ezempju jinsab assodat illi "l-proposal form hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assikurazzjoni; u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formula hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" (**Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe**, App Kum 31/01/1952; **Joseph Micallef noe vs Roman Vella**, PA 06/04/1973; **Joseph Muscat vs Joseph Gasan et noe**, App 06/10/1999 u **Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe**, App 09/02/2001).*

*Dwar x'kien meqjus bhala materjali gie ritenut illi:*

> *"A fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgement of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge". (ara **Bird. Modern Insurance Law**, 4th Ed. page 107 u sentenza **Carter vs Boehm**).[1]*
>
> *"Reasonable insurer test. Everything is material which will guide a reasonable insurer in determining whether he will take the risk and, if so, at what premium and on what conditions". (**March Cabaret Club and Casino Ltd vs Thomson and Bryant Ltd** (1975).*
>
> *"The fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material" (**Fire and Motor Insurance: Ivamy** 3rd edition, (1978) p.203).*

***Ikkunsidrat ulterjorment***

*Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi prodotti li l-intimat f'kull wahda mill-'proposal forms' in kwistjoni rrisponda "Le" ghad-domanda kontenuta fl-artikolu 3 tal-parti 'D'. (ara fol. 22, 28, 33). Ghad-domanda (3) Have you, or has any other person who to your knowledge will drive, been convicted during the past 5 years of any offence (excluding parking offence) in connection with a motor vehicle? If YES please give details, l-intimat wiegeb 'Le' meta fil-fatt kellhu jwiegeb 'Iva', kif ser naraw.*

---

[1] Dwar x'inhu fatt sostanzjali (*material fact*) ara per ezempju s-sentenza **Calicidon Vella v. GasanMamo Insurance Agency Limited nomine**, PA 07/03/2008.

*Huwa wkoll rrisponda wkoll "Le" ghad-domanda kontenuta fil-paragrafu (d) tal-artikolu 3 tal-parti 'E', mill-istess proposal form meta fil-fatt kellu jirrispondi 'Iva', (ara fol. 22, 28 u 33). Id-domanda kienet: Has any Insurer ever, (a) declined your proposal? (b) required you to bear the first part of any loss? (c) required an increased premium or imposed special conditions? (d) cancelled or refused to renew your policy? If YES give full particulars.*

*Issa fil-kaz in ezami gew ezebiti sentenzi tal-Qorti kontra l-intimat u kontra ibnu li kien 'an authorized driver' jew any other person who to your knowledge will drive .*

*Giet esibita sentenza kontra Emanuel Ciantar datata 24 ta' Settembru 2008 a fol. 39 fejn l-imputat instab hati biss ta` reati dwar ingurji, theddid u offizi ta' natura hafifa, kliem oxxen u dagha u storbju.*

*Giet esibita sentenza kontra Maximillian Ciantar et tas-26 ta' April 2007 a fol. 43 fejn instab hati serq, hsara, sewqan minghajr licenza u polza ta' assikurazzjoni;*

*Giet esibita sentenza kontra Maximillian Ciantar tat-23 ta' Settembru 2010 a fol. 46 li ghalkemm inghatat wara l-perjodu ta' assikurazzjoni kontestat li ghalaq fl-ewwel ta' Settembru 2010, ir-reat kien jirrisali ghat-13 ta' Novembru 2006. Hu instab hati f'dina l-kawza ta' ingurja u theddid, kliem oxxen, dagha u storbju.*

*Giet esibita sentenza ohra tas-7 ta' Ottubru 2005 kontra Maximillian Ciantar et fejn Max Ciantar instab hati ta offizi mhux relatati ma' sewqan ta' vetturi imma ta' offiza kontra il-pudur, kliem oxxen, theddid u storbju.*

*Giet esibita sentenza tas-16 ta' Lulju 2010 sabet lil Max Ciantar hati, fuq ammissjoni, li pussess u uzu ta' droga.*

*Illi l-fatt dwar sentenza fuq sewqan minghajr licenza u polza ta' assikurazzjoni u pussess ta' drogi, fil-fehma tal-Qorti kienu fatti materjali li l-assikurazzjoni kellha tigi infurmata bihom qabel taccetta li tassikura. L-intimat kien jaf li l-vettura kien ser isuqha ibnu izda liberament ghazel li ma jaghtix taghrif. Il-konsum tad-droga hu fih innifsu fatt materjali meta tikkunsidra li jista' jimpingi fuq l-abilita tax-xufier biex isuq vettura.*

*Inoltre Kevin Borg Degiorgio xehed li Emanuel Ciantar kien assikurat ma' Thomas Smith Insurance qabel ma gie inxurjat mis-socejta rikorrenti u huma kienu kkancellawlu l-poloz ta' assikurazzjoni li kellu maghhom f'Lulju 2009 billi kellu sitt claims fuq id-diversi vetturi inxurjati maghhom. L-istess gie kkonfermat min Andrew Pizzuto.*

*Illi fil-fehma tal-Qorti anke dan il-fatt fejn l-intimat wiegeb li ma kellux claims precedenti kien fatt materjali bizzejjed which would influence the*

*judgement of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk.*

***Eċċezzjonijiet tal-intimat Ciantar***

*Illi fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Ciantar, kuntrarjament għal dak eċċepit minnu, l-assigurat (name of proposer) fuq il-polza tal-karozzi huwa ta' Emanuel Ciantar u mhux il-kumpannija Maxkim Ltd. Din l-eċċezzjoni għalhekk hija infondata u qed tiġi miċħuda.*

*Fit-tieni eċċezzjoni l-intimat isostni li għal dik li jirrigwarda l-polza ta' assigurazzjoni tal-Partner Peugeot HBD-096 il-kuntratt skada fl-1 ta' Settembru 2010 u konsegwentement it-talba relativa għalih lanqas tista' tiġi milqugħa. Illi l-intimat m'għandux raġun lanqas f`dina l-eċċezzjoni. Is-soċjetà rikorrenti qed tattakka l-validità tal-polza ta' assigurazzjoni għal perjodu li dina kienet viġenti fil-perjodu bejn 1 ta' Settembru 2009 u 1 ta' Settembru 2010 billi qed tgħid li kien hemm non-disclosure of material facts. L-inċident li fih kienu ġew imtajra t-tewmin gara fit-28 ta' April 2010 u għalhekk is-soċjetà rikorrenti jista' jkollha interess li ssostni li l-polza ma kinitx valida fid-data tal-inċident.*

*Fit-tielet eċċezzjoni l-intimat qed isostni li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni falza da parti la tal-konvenut personalment u lanqas tiegħu in rappreżentanza tal-istess kumpanniji. Illi kif ġà ngħad il-poloz ħarġu fuq isem Emanuel Ciantar u mhux fuq il-kumpannija, u inoltre jirriżulta b'mod lampanti li saru dikjarazzjonijiet foloz mill-intimat.*

*Fl-aħħar eċċezzjoni tiegħu l-intimat igħid li għal dak li jirrigwarda l-Peugeot Partner HBD-096 l-azzjoni hija perenta skont il-proviso tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104.*

*Illi l-qorti rat l-proviso tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 u fin-nuqqas ta' indikazzjoni ċara mill-intimat għal liema terminu ta' preskrizzjoni jew dekadenza l-intimat qed jirreferi dina l-qorti ma tistax tiddeċiedi fuq l-eċċezzjoni tiegħu. Jiġi rilevat, għal kull buon fini, li sal-preżentata ta' dina l-kawża ma kienet giet ipprezentata ebda kawża kontra l-assigurat Emanuel Ciantar. Ir-rikorrenti invece qabel fetħet dina l-kawża kontra l-intimat kienet ippreżentat ittra uffiċjali kontra l-konjuġi Falzon, il-ġenituri tat-tewmin, wara li kienet irċeviet protest ġudizzjarju mingħandhom u dana ai termini tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104.*

*Din l-eċċezzjoni wkoll qed tiġi miċħuda.*

***Eċċezzjonijiet intervenuti fil-kawża***

*L-intervenuti fil-kawża eċċepew illi għar-rigward tal-ewwel u t-tieni talba attriċi s-soċjetà attriċi trid iġġib prova ta' dak minnha allegat u trid tipprova ukoll li ġew sodisfatti r-rekwiziti sanċiti fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-każ in eżami dina l-qorti diġà ddeċidiet li*

*s-soċjetà rikorrenti ġabet prova ta' dak minnha allegat u għalhekk għandha dritt tannulla l-poloz ta' assigurazzjoni in kwistjoni.*

*Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom l-intervenuti jsostnu li t-tielet talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda stante illi s-soċjetà attriċi hija obbligata fil-liġi li tħallas id-danni lit-terzi anki jekk jirriżulta illi l-polza minnha maħruġa għar-rigward tal-vettura HBD-096 hija nulla għax ittieħdet bil-ħabi ta' fatt materjali kif allegat mis-soċjetà attriċi. Tant hu hekk illi r-regolament 24(2)(b) tal-Avviz Legali 435 tal-2003 jistipula illi "assiguratur huwa l-assiguratur konċernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball".*

*Illi f'dina l-kawża t-tielet talba attriċi taqra hekk:*

> *"Tiddikjara illi ebda somma ma jkollha titħallas mis-soċjetà rikorrenti a tenur tal-poloz ta' assigurazjoni maħruġa mis-soċjetà rikorrenti favur l-intimat, rispettivament bin-numru ta' referenza PC3613135001, CV3713135002, u CV3713135001, u maħruġa a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta)."*

*Illi f'dina l-eċċezzjoni l-intervenuti qed isostnu li nonostante dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 is-soċjetà rikorrenti bħala assiguratur tal-intimat tibqa' responsabbli għal ħlas tal-ħsarat kaġjonati lit-terzi mill-assigurat tagħha nonostante li l-polza ġiet dikjarata nulla mill-qorti minħabba non-disclosure of a material fact u dana abbażi tar-regolament 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435/2003 kwotat mill-intervenuti fl-istess eċċezzjoni tagħhom.*

*Illi jibda biex jingħad li l-artikolu 10 tal-Kap. 104 jipprovdi fl-ewwel subinċiż li l-assigurazzjoni għandha tkopri lill-assigurat fil-konfront ta' terz danneġġjat:*

> *"(1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."*

*F'dan il-każ l-intervenuti kien ikollhom raġun igħidu li s-soċjetà rikorrenti hija responsabbili li tħallas id-danni kaġonati lit-terz kieku kienet tapplika din id-disposizzjoni tal-liġi biss. Iżda dan is-subinċiż huwa*

*soġġett għal dak li jinsab ukoll ipprovdut fit-tielet subinċiż tal-istess artikolu 10 li jgħid hekk:*

> *"(3) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal dik irraġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha:*
>
> *"Iżda, assiguratur awtorizzat li jkun ħa f'kawża d-dikjarazzjoni kif jingħad hawn fuq ma jkollux b'daqshekk il-jedd għall-benefiċċju ta' dan is-subartikolu dwar sentenza meħuda fi proċediment mibdi qabel ma tkun bdiet dik il-kawża, kemm-il darba qabel jew fi żmien sebat ijiem wara li tibda dik il-kawża hu ma jkunx ta avviż tagħha b'att ġudizzjarju lill-persuna li tkun l-attriċi f'dak il-proċediment billi jispeċifika l-ħabi jew ir-rappreżentazzjoni falza li huwa bi ħsiebu jibbaża ruħu fuqhom, u kull persuna li tiġi mogħtija avviż ta' dik il-kawża jkollha l-jedd, jekk trid, li ssir parti fiha."*

*Illi fil-każ in eżami ladarba ġie ppruvat li l-intimat ħeba fatti sostanzjali l-polza setgħet tiġi annullata u l-effett kien dak ravviżat mill-artikolu 10(1) moqri flimkien mal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 li l-assigurazzjoni mhijiex tenuta tħallas lit-terz.*

*Il-qorti ma ssib ebda diskrepanza jew konflitt bejn dak li tipprovdi l-liġi ġenerali u dak li hemm ipprovdut fil-liġi speċjali 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435/2003. Taħt dina l-liġi speċjali hemm provdut taħt liema ċirkostanzi l-assigurazzjoni tibqa' kkunsidrata bħala l-'assigurazzjoni konċernata' u fost ċirkostanzi oħra tindika: "Assiguratur huwa l-assiguratur konċernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball". Illi kif l-artikolu 10(1) irid jinqara fid-dawl tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, ir-regolament 24(2)(b) irid jinqara wkoll fid-dawl tal-istess artikolu 10(3) li jipprovdi espressament għal dak li għandu jiġri meta jkun hemm ħabi ta' fatt materjali. Għalhekk dan ifisser li jekk l-assigurazzjoni ma tottjeniex dikjarazzjoni a tenur tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 bir-rekwiżiti hemm imposti biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 10(3), allura skond ir-regolament 24 imsemmi l-assigurazzjoni tibqa' kkunsidrata bħala l-'assigurazzjoni konċernata'. Dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 10(3) għandu jiġi kkunsidrat bħala l-eċċezzjoni għal dak li jipprovdi l-artikolu 10(1) u r-regolament 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435/2003. Għalhekk ma hemmx diskrepanza bejn dawn iż-żewġ provedimenti tal-liġi.*

*Isegwi li jekk l-assigurazzjoni ma tiħux azzjoni jew azzjoni mhux għat-termini eżatti tal-artikolu 10(3) minkejja l-ħabi ta' fatt materjali, hija tibqa' responsabbili għall-ħlas fil-konfront tat-terz u tibqa' l-assigurazzjoni konċernata. Iżda meta, bħal fil-każ preżenti, is-soċjetà rikorrenti ħadet*

*passi skont l-artikolu 10(3) u l-azzjoni hija bbażata fuq dan l-artikolu tal-liġi u ppruvat ir-rekwiżiti biex tmexxi l-azzjoni taħt dak l-artikolu, allura l-assigurazzjoni ma tkunx responsabbli għal ħlas tad-danni lit-terz jekk fil-fatt jinstab li l-assigurazzjoni inkisbet bi frodi, għoti ta' informazzjoni ħazina, ħabi ta' fatt materjali jew żball.*

*Din l-eċċezzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.*

*Fit-tielet eċċezzjoni tagħhom l-intervenuti qed jeċċepixxu wkoll illi għar-rigward tat-tielet talba attriċi l-ġudizzju mhux integru billi l-persuni li lilhom is-soċjetà attriċi qed tippretendi li ma tħallasx id-danni kkawżati mill-vettura minnha assigurata bin-numru HBD-096 ma humiex parti fil-kawża, u għalhekk d-dikjarazzjoni li qed tippretendi li tieħu s-soċjetà attriċi permezz tat-tielet talba attriċi hija legalment insostenibbili u għandha tiġi miċħuda minn dina l-qorti.*

*Illi t-tielet talba attriċi hija fis-sens li hemm talba għal-dikjarazzjoni li ebda somma ma jkollha titħallas mis-soċjetà rikorrenti a tenur tal-poloz ta' assigurazjoni maħruġa mis-soċjetà rikorrenti favur l-intimat. Illi dak li qed titlob is-soċjetà rikorrenti jirrigwarda r-relazzjoni ġuridika interna bejnha u l-intimat u fir-rigward tat-terz is-soċjetà rikorrenti imxiet skont ma' titlob il-liġi u nnotifikathom bl-ittra uffiċjali u dan ai termini tal-artikolu 10(3). L-ittra uffiċjali ġġib id-data tas-27 ta' Settembru 2010 u ġiet notifikata lill-konjuġi Falzon.*

*Dina l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda wkoll*";

4. Mis-sentenza appellata kienu appellaw l-intervenuti fil-kawża, filwaqt li l-kumpanija attriċi appellata ressqet appell inċidentali;

5. B'sentenza mogħtija minn din il-Qorti (komposta diversament) fis-27 ta' Marzu, 2020, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appell tal-appellanti ma ntlaqax, imma ntlaqa' l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi appellata;

6. Wara talba li saret mill-intervenuti fil-kawża b'rikors tat-28 ta' Lulju, 2020, din il-Qorti (kif issa komposta), b'sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu,

2021[2], u għar-raġunijiet hemm imfissra, ħassret l-imsemmija sentenza tas-27 ta' Marzu, 2020, u ordnat li l-appelli mressqa mill-partijiet jinstemgħu mill-ġdid;

7. Jirriżulta li waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2019[3], fl-istadju tal-appell, id-difensur tas-soċjeta` attriċi appellata ddikjarat li, għall-finijiet tal-appell inċidentali mressaq minnha, hija "taqbel li għandhom jiġu applikati l-prinċipji tal-kawża **Montalto Insurance v. Buġeja** deċiża minn din il-Qorti diversament komposta fl-2017 iżda żżomm ferm il-kap tal-ispejjeż relattivi għall-appell". Jiġi li, b'dik id-dikjarazzjoni, l-imsemmija soċjeta` attriċi appellata abbandunat l-appell inċidentali tagħha;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ virtwali tas-27 ta' April, 2021, f'liema data ħalliet l-appell għas-sentenza;

9. Rat l-atti tal-kawża;

***Ikkonsidrat:***

10. Illi fid-dawl tal-għamla ta' appell imressaq mill-appellanti, u kif ukoll tad-dikjarazzjoni magħmula mis-soċjeta` appellata kif fuq ingħad[4], din il-

[2] Paġġ. 281 – 292 tal-proċess.
[3] Paġ. 230 tal-proċess.
[4] § 7 *supra.*

Qorti tqis li l-kwistjoni tat-tħassir tal-poloz ta' assikurazzjoni li l-appellata kienet ħarġet favur l-imħarrek appellat u kif ukoll l-eċċezzjonijiet imqajma mill-istess imħarrek għal dawk it-talbiet illum jikkostitwixxu ġudikat u din il-Qorti ma jeħtiġilha tagħmel l-ebda stħarriġ dwar dan. Bl-istess mod, ladarba s-soċjeta` appellata qablet li jgħoddu għall-każ il-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti f'sentenza tagħha fuq kwistjoni li tixxiebah ma' din tallum, din il-Qorti tqis ukoll li lanqas hemm għalfejn tistħarreġ aktar is-siwi tal-appell inċidentali. Jifdal li tqis l-appell tal-intervenuti fil-kawża u t-tifsira li trid tingħata lil-liġi dwar l-aggravji tagħhom mis-sentenza appellata u t-tħaddim tal-liġi kif magħmul mill-ewwel Qorti. Xieraq jingħad li, b'Nota mressqa minnu fl-14 ta' April, 2014[5], l-imħarrek appellat qal li huwa kien jaqbel mal-appell tal-appellanti u hemeż ukoll kopja ta' testi legali ta' normattiva tal-Unjoni Ewropeja dwar il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-assikurazzjoni ta' vetturi u l-kumpens lil terzi;

11. Illi l-appellanti ressqu **tliet aggravji** mis-sentenza appellata. L-ewwel aggravju jirrigwarda t-tifsira mogħtija lil-liġi mill-ewwel Qorti biex waslet li tilqa' t-tielet talba attriċi kif laqgħetha. It-tieni aggravju, marbut mal-ewwel wieħed, jgħid li l-ewwel Qorti kisret l-obbligu tagħha li tfisser il-liġi Maltija b'mod konsistenti u bi qbil mal-liġi Ewropea li minnha hija miruta l-liġi Maltija. Filwaqt li t-tielet aggravju jirrigwarda ċ-ċaħda mill-

[5] Paġ. 200 tal-proċess.

ewwel Qorti tat-tielet eċċezzjoni tagħhom li biha saħqu li l-ġudizzju ma kienx sħiħ billi t-tielet talba tirrigwarda t-terzi persuni li kienu jibbenefikaw mir-risarċiment taħt il-poloz mertu tal-każ;

12. Illi l-appellanti jfissru **l-ewwel aggravju** b'dan il-mod:

> "*Illi għalkemm dik il-parti tad-decide tas-sentenza appellata li tgħid li l-poloz ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà attriċi qed jitħassru biss "għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna bejnha u l-intimat Ciantar" hija korretta u hija fil-fatt il-posizzioni avvanzata mill-esponenti f'din il-kawża, l-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta laqgħet it-tielet talba attriċi u ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intervenuti fil-kawża a bażi ta' interpretazzjoni għalkollox żbaljata tal-liġi speċjali tal-motor insurance intiża sabiex tipproteġi l-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku. Dan għaliex, kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, il-posizzjoni legali fil-kamp speċjali tal-motor insurance hija li minkejja li l-assiguratur jista' jannulla polza ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba l-ħabi ta' fatt materjali mill-assigurat, l-assiguratur jibqa' obbligat li jħallas lill-vittmi ta' inċidenti minħabba l-obbligu separat impost fuqu ex lege bħala "insurer concerned" ai termini tar-regolament 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435 tal-2003 li jistipula biċ-ċar illi "assiguratur huwa l-assiguratur konċernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħazina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball". Dan ir-regolament sar proprju sabiex jagħti saff ta' protezzjoni ieħor lill-vittmi, iżda bl-argumentazzjoni tal-ewwel qorti din il-protezzjoni żejda sfumat proprju fix-xejn, u l-istess provvediment seta' ma nkiteb qatt. Kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel qorti, ir-regolament 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435 tal-2003 ma jgħidx illi l-assiguratur ma jibqax "insurer concerned" jekk huwa jagħmel il-kawża taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 iżda jgħid li l-assiguratur huwa "insurer concerned" kull meta l-polza tinkiseb bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina jew bil-ħabi ta' fatti materjali bħal ma ġara fil-każ de quo. Apparti minn hekk, il-konklużjoni tal-ewwel qorti li s-soċjetà attriċi appellata hija intitolata ma tħallas xejn lill-vittmi għax għamlet kawża taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tmur kontra s-sentenza preċedenti tal-istess qorti diversament presjeduta fl-ismijiet <u>Montaldo Insurance Agency Ltd noe v. Christian Bugeja</u> deċiża fit-20 ta' Lulju 2013. Hija ukoll djametrikament opposta għad-duttrina ingliża dwar il-liġi ingliża (li hija bħal-liġi maltija f'dan ir-rigward) li tagħmilha ċara illi, anke fejn issir kawża għat-tħassir tal-polza, l-assiguratur jibqa' tenut iħallas lill-vittmi, u s-sentenza appellata ma kkonsidrat xejn u ma ttrattatx (tant li lanqas biss semmiethorn) il-varji sottomissjonijiet li saru fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-esponenti dwar din il-kwistjoni.*";

13. Illi meta aktar 'il quddiem fissru b'aktar reqqa l-aggravju tagħhom, l-appellanti qalu li meta l-ewwel Qorti laqgħet it-tielet talba attriċi, kienet qiegħda tawtorizża lill-appellata biex teħles mir-rabta li tħallas kumpens taħt il-poloz imħassrin maħruġin f'isem l-imħarrek, u dan minkejja li fis-sentenza appellata ngħad li dik it-tielet talba kienet qiegħda tintlaqa' "b'dan li l-poloz qed jitħassru għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna bejnha u l-intimat Ċiantar". L-appellanti jisħqu li, b'dik il-parti tas-sentenza appellata, is-soċjeta` appellata kienet qiegħda tinħeles milli tħallas kumpens lit-terzi li ġarrbu ħsara fl-inċident li fih kien imdaħħal l-imħarrek Ċiantar minkejja li, bil-liġi, hija kellha tibqa' meqjusa bħala l-"assiguratur konċernat", liema qagħda tnissel rabta separata *ex lege* lil hinn mir-rabta kuntrattwali maħluqa bil-polza mal-assikurat tagħha. Iżidu jgħidu li dak kien il-ħsieb tal-appellata meta ressqet it-tielet talba u dak il-ħsieb kien deher b'mod ċar kemm fl-ittra uffiċjali li l-appellata kienet bagħtet lit-terzi f'Settembru tal-2010 u kif ukoll minn dak li qalet fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha qabel ingħatat is-sentenza appellata. L-appellanti jisiltu sensiela ta' argumenti u riferenzi dwar il-liġi speċjali li trieġi l-assikurazzjoni ta' vetturi u, b'mod partikolari, l-għan ewlieni tagħha li jingħata ħarsien speċjali lit-terzi persuni vittmi ta' inċidenti bħal dawn, minkejja x'jiġri mir-relazzjoni bejn l-assikuratur u l-assikurat dwar il-poloz ta' assikurazzjoni maħruġa. F'dan ir-rigward, l-appellanti jsemmu d-

dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta[6] u r-regolament 24 tar-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens[7] u jisħqu li l-ewwel Qorti ma tatx tifsira tajba tagħhom fis-sentenza appellata;

14. Illi għal dan l-aggravju, l-appellata laqgħet billi qalet li l-għan wara l-appell tal-appellanti huwa dak li jeħilsu mir-rabta tagħhom li jħallsu kumpens lill-vittmi tal-inċident li fih kien imdaħħal l-imħarrek appellat. Tenniet li hija ma kellha l-ebda rabta li tħallas kumpens taħt poloz li jitqiesu b'dikjarazzjoni minn qorti li ma jiswewx *ab initio* kif irid l-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, kif seħħ fil-każ tagħhom f'din il-kawża. Żiedet tgħid li l-argument imressaq mill-appellanti dwar ir-rabta ta' assikuratur lil hinn minn jekk il-polza titħassarx jew le huwa wieħed li din il-Qorti ma jmisshiex tilqa' għaliex mhux argument imsejjes fuq tħaddim tajjeb tal-liġi fir-rigward, għaliex ir-rimedju tar-rivalsa li l-assikurazzjoni jista' jkollha kontra assikurat tagħha huwa regolat bl-Artikolu 12 tal-Kap 104 u mhux bl-Artikolu 10;

15. Illi l-Qorti tibda biex tosserva li għalkemm l-aggravju kif imressaq jista' jagħti 'l wieħed x'jifhem li l-appellanti aktar ħassewhom aggravati bir-raġunament u l-konsiderazzjonijiet li wettqet l-ewwel Qorti meta laqgħet it-tielet talba attriċi, milli bl-ilqugħ tat-talba nnifisha, it-talba magħmula fir-

[6] Ord. XXXVI tal-1939 kif emendata.
[7] A.L. 435/03 (L.S. 403.13).

rikors tal-appell turi fid-dieher li l-appellanti jikkontestaw il-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet dik it-talba. Din il-kjarifika qiegħda ssir għaliex b'mod ġenerali, jingħad li m'huwiex mogħti lil parti li tappella minn dik il-parti ta' sentenza li taqbel magħha[8]. Barra minn hekk, appell jista' jsir biss minn kap jew kapi tas-sentenza, u dawn jirrigwardaw biss il-parti tad-dispożittiv jew operattiva tagħha u mhux ukoll il-parti deliberattiva għaliex hija biss il-parti dispożittiva ta' sentenza li torbot lill-partijiet, għaliex kull dikjarazzjoni li ma tiddaħħalx fil-parti dispożittiva ta' sentenza la hija deċiżiva u lanqas obbligatorja[9]. Fit-tielet lok, huwa aċċettat li appell imressaq fuq il-bażi ta' nuqqas ta' qbil mar-raġunament li jkun wassal lill-Qorti għad-deċiżjoni tagħha huwa irritwali u bla siwi[10];

16. Illi, fil-każ tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti kienet laqgħet it-tliet talbiet attriċi bi preċiżazzjoni li dak kien qiegħed isir "għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna" bejn l-attriċi appellata u l-imħarrek appellat. L-appellanti jqisu li, għalkemm huma jaqblu mal-preċiżazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti, it-tielet talba kienet tmur aktar minn hekk għaliex kienet maħsuba biex l-appellata tinħeles minn kull rabta ta' risarċiment taħt il-poloz maħruġa, inkluż dak dovut lit-terzi persuni vittmi tal-każ;

---

[8] Art. 228(1) tal-Kap 12.
[9] Art. 219 tal-Kap 12.
[10] Ara App. Inf. PS **15.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Andrew Pace et v. Unscheduled Bus Service et***; u App. Ċiv. **30.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Pierre Borġ v. Nicole Borġ.***

17. Illi l-appellanti jisħqu li, ukoll wara li l-ewwel Qorti sabet li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tiddikjara li l-poloz maħruġa favur l-imħarrek Ċiantar kellhom jitħassru, is-soċjeta` attriċi appellata kienet għadha xorta waħda marbuta biex tikkumpensa lill-vittmi u mhux tqis lilha nnifisha maħlula minn kull rabta lejhom. L-appellanti jorbtu dan l-argument mal-fatt li l-appellata kellha bil-liġi tibqa' titqies bħala l-assiguratur konċernat fir-rigward tagħhom. Il-problema tqum għaliex filwaqt li d-dmirijiet ta' assikuratur lejn it-terzi taħt l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellmu dwar "assiguratur awtorizzat", id-dispożizzjonijiet tar-regolament 24(2)(b) tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kapitolu 403 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellmu dwar "assiguratur konċernat". Iż-żewġ frażijiet m'għandhomx l-istess tifsira u l-għan li għalih iddaħħlu fil-liġi wkoll m'huwiex l-istess. Fl-ewwel istanza din il-ħaġa qajmet il-kwistjoni jekk liġi u oħra setgħux joqogħdu flimkien u, f'dak il-każ, jekk il-liġi sussidjarja kellhiex tirbaħ fuq dik ewlenija;

18. Illi, għall-ewwel, l-attriċi appellata kienet tisħaq li ladarba l-poloz li nħarġu f'isem l-assikurat Ċiantar tħassru *ab initio*, hija ma kellha l-ebda rabta li tikkumpensa lil ħadd taħt l-imsemmija poloz, lanqas lit-terzi persuni li setgħu kienu vittmi tal-inċident assikurat. Din il-qagħda rabtitha mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u mal-fatt li hija kienet interpellat b'att ġudizzjarju lit-terzi persuni konċernati. Iżda matul iż-żmien li l-każ kien quddiem din il-Qorti fil-mori

tal-appell, jidher biċ-ċar li l-istess appellata bidlet il-fehma tagħha, kif joħroġ mill-verbal li ssemma qabel;

19. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx inkompatibilita` bejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-Ordinanza u r-regolament 24 tar-Regolamenti, lanqas f'dak li jirrigwarda r-rabta tal-assikuratur lejn it-terzi persuni vittmi ta' inċident assikurat taħt polza li tkun tħassret għal raġunijiet magħrufa mil-liġi. Jidher li l-kwistjoni hi dwar l-effetti ta' dik ir-rabta jekk polza ta' assikurazzjoni titqies li tkun tħassret *ab initio*. Din il-Qorti hija tal-fehma li, għall-finijiet ta' responsabbilta` ċivili, it-tħassir ta' polza ta' assikirazzjoni b'sentenza għal raġunijiet li trid il-liġi ma jxejjinx dawk ir-rabtiet bil-liġi li l-assikuratur jista' jkollu taħt dik il-polza lejn terzi mħarsa bil-kundizzjonijiet tagħha sa qabel dakinhar li l-polza tkun tħassret. Din il-fehma tinstilet ukoll mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 24(3)[11] tar-Regolamenti msemmija li jagħmluha ċara li, biex assikurazzjoni ma titqiesx "assiguratur konċernat", ir-responsabbilta` ċivili lejn it-terzi trid tkun tnisslet wara t-tħassir tal-polza jew fejn ma kien hemm qatt polza fis-seħħ. Fi kliem ieħor, sakemm tingħata d-dikjarazzjoni ġudizzjarja li tħassar polza, jekk titnissel responsabbilta` ċivili favur terzi, l-assikurazzjoni tibqa' meqjusa bħala l-"assiguratur konċernat" għall-finijiet tar-rabta tal-kumpens[12]. Għall-kuntrarju, jekk kemm-il darba l-

[11] B'mod partikolarti r-reg. 24(3)(d).
[12] P.A. AE **12. 3 2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Ltd noe v. Trevor Francis Vassallo et*** (mhix appellata).

assikurazzjoni hija "assiguratur konċernat", din tibqa' marbuta li tħallas il-kumpens lit-terzi, minkejja li l-polza tkun inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatt materjali, jew bi żball, u l-assikuratur ikollu l-jedd li jitlob it-tħassir tagħha[13];

20. Illi huwa minnu li l-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104 jgħid li "ebda somma ma jkollha titħallas mill-assikuratur awtorizzat" jekk kemm-il darba jwettaq b'reqqa l-proċedura maħsuba f'dik id-dispożizzjoni. Imma t-tifsira u t-tħaddim ta' dik id-dispożizzjoni jridu jingħataw fid-dawl tar-regola ġenerali tad-dritt fil-qasam tal-assikurazzjoni dwar vetturi bil-mutur li t-terzi ma jitilfux il-jedd tagħhom għall-kumpens li jkun stabbilit bis-saħħa ta' polza ta' assikurazzjoni, minkejja t-tħassir tagħha. B'dan il-mod, it-tifsira tal-liġi tkun toqgħod mat-tifsira u t-tħaddim tad-dritt Komunitarju u d-deċiżjonijiet mogħtija fir-rigward mill-istituzzjonijiet ġudizzjarji Komunitarji;

21. Illi din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tqis din il-kwistjoni b'reqqa f'każ ieħor deċiż qabel illum meta, fost l-oħrajn, qalet li "*Fid-dawl tal-obbligu ta' dawn il-Qrati li sa fejn possibbli jinterpretaw il-liġi domestika skont ma jipprovdu l-liġijiet u l-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-soċjeta` assiguratriċi attriċi ma tistax teħles mir-responsabbilta` tagħha li tħallas għad-danni li kkaġuna 'assigurat' tagħha*

[13] Reg. 24(2)(b) tal-A.L. 435/03.

*billi tinvoka l-frodi wżat fil-konfront tagħha da parti tal-konvenuti, u għandha tkun din, bħala l-assiguratur konċernat, li trid tagħmel tajjeb għal dawn id-danni. .. .. .. Din hija l-interpretazzjoni li trid tingħata lil-liġijiet in kwistjoni moqrija bil-lenti tal-'acquis' tal-Unjoni Ewropea, li tagħha Malta hija membru*"[14]. Din il-Qorti tirrileva li huwa sewwasew dwar dawn il-fehmiet murija fl-imsemmija sentenza li l-appellata fil-każ tallum qalet li qiegħda taqbel. Fi kliem ieħor, l-appellata qiegħda tistqarr li, għall-finijiet tal-inċident li jirrigwarda l-polza maħruġa minnha lill-imħarrek appellat Ċiantar, hija tqis lilha nnifisha bħala l-"assiguratur konċernat" u għalhekk l-appellanti ma humiex marbutin biex jagħmlu tajjeb huma għall-kumpens lit-terzi milquta bl-istess inċident;

22. Illi dan kollu jwassal biex il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju jitqies mistħoqq u sejra tilqgħu;

23. Illi fit-**tieni aggravju** tagħhom l-appellanti jgħidu li l-argument tal-ewwel Qorti li l-proċedura meħuda minn kumpanija assikuratriċi taħt l-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104 teħles lil kumpanija bħal dik milli tagħmel tajjeb lit-terzi vittmi ta' inċident li kien jaqa' taħt polza li titħassar, jikkostitwixxi ksur tal-obbligi tal-assikuraturi taħt id-direttivi Komunitarji. Huma jgħidu li, fid-dawl tat-tifsir u t-tħaddim tan-normi Komunitarji, l-ewwel Qorti ma messhiex laqgħet it-tielet talba attriċi u ddikjarat li s-

[14] App. Ċiv. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Montaldo Insurance Agency Limited noe v. Christian Buġeja et.***

soċjeta` appellata m'hijiex tenuta tħallas it-terz, għaliex b'dak il-mod kienet qiegħda tikser l-obbligu li Qorti Maltija għandha li tfisser il-liġi Maltija b'mod konsistenti ma' kif hija mfissra u mħaddma l-liġi Komunitarja. Huma jiċċitaw deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar din il-ħaġa, b'mod partikolari dwar l-għan tal-liġi dwar l-assikurazzjoni obbligatorja ta' vetturi fuq it-triq. Jidher li dan l-aggravju jirrigwarda wkoll iċ-ċaħda tat-tieni eċċezzjoni tal-appellanti fis-sentenza appellata;

24. Illi l-appellata laqgħet għal dak l-aggravju billi qalet li d-direttivi li jsemmu l-appellanti mkien ma jimponu obbligi fuq assikurazzjonijiet, imma fuq l-Istati Msieħba. Minbarra dan, tgħid ukoll li n-normativa Komunitarja ma tirregolax qagħda, bħal fil-każ tallum, fejn polza ta' assikurazzjoni titħassar għal raġuni tajba fil-liġi, imma dwar ċirkostanzi oħrajn fejn vettura involuta f'inċident tkun qiegħda tinstaq bla kopertura b'polza, jew minn persuni li ma jkunux awtorizżżati jew liċenzjati biex isuqu jew kondizzjonijiet bħal dawn. Tgħid li l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104 m'hijiex waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi;

25. Illi l-Qorti jidhrilha li l-konsiderazzjonijiet magħmula minnha hi u tqis l-ewwel aggravju jgħoddu wkoll għal dan l-aggravju. B'żieda ma' dan, din il-Qorti taqbel li l-appellanti jistgħu biss jitgħabbew bir-responsabbilta` li jagħmlu tajjeb lil terzi persuni vittmi ta' inċident assikurat, jekk kemm-il

darba biss ma jkunx hemm polza fis-seħħ fiż-żmien tal-inċident jew jekk ma jkunx hemm "assiguratur konċernat" dwar l-inċident assikurat. Għalhekk, ir-rabta tal-appellanti li jagħmlu tajjeb b'kumpens lit-terzi hija l-aħħar rimedju fin-nuqqas tar-rimedju tar-risarċiment mill-assikuratur konċernat jew mill-persuna li taħti fl-inċident. Il-kliem li għalih joġġezzjonaw l-appellanti – "*mhijiex tenuta tħallas lit-terz*" – b'riferenza għall-appellata, ma ngħadx mill-ewwel Qorti fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, imma fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-effett ta' proċedura mnedija b'suċċess taħt l-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104. Għall-kuntrarju, fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata l-ewwel Qorti ikkwalifikat l-ilqugħ tat-talbiet attriċi kollha bil-kliem "*li l-poloz qed jitħassru għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna bejnha u l-intimat*", li huma kliem li l-appellanti ddikjaraw espressament li tirrappreżenta l-pożizzjoni "korretta u hija fil-fatt il-pożizzjoni avvanzata mill-esponenti f'din il-kawża"[15]. Madankollu, huma kliem li ma joqogħdux ma' dak li ntalab fit-tielet talba attriċi;

26. Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li dan l-aggravju wkoll huwa tajjeb u li t-tieni eċċezzjoni mqajma mill-appellanti kien messha ntlaqgħet;

27. Illi bit-**tielet aggravju** tagħhom, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti ma messhiex ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tagħhom billi t-tielet talba saret

[15] Rikors tal-Appell f'paġ. 178 tal-proċess.

b'mod li kienet tolqot mill-qiegħ il-jeddijiet tat-terzi vittmi tal-inċident assikurat, liema persuni ma kinux partijiet fil-kawża. Huma jgħidu li, minħabba li s-soċjeta` appellata ma daħħlet qatt lit-terzi bħala partijiet fil-kawża, it-tielet talba kienet irritwali kif magħmula;

28. Illi għal dan l-aggravju, l-appellata laqgħet billi qalet t-tielet talba tagħha hija waħda "intrinsikament marbuta u konsegwenza naturali" tat-talbiet ta' qabilha u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jew issejjaħ fil-kawża lit-terzi u lanqas li tħarrikhom bħala konvenuti;

29. Illi l-Qorti tqis li, ladarba laqgħet l-ewwel żewġ aggravji, il-mertu ta' dan l-aggravju huwa eżawrit. Lil hinn minn hekk, imma, jekk l-azzjoni attriċi kienet waħda mressqa taħt l-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, dik id-dispożizzjoni tal-liġi ma titlobx li t-terzi jiddaħħlu bħala partijiet fil-kawża, imma biss li jingħataw avviż b'att ġudizzjarju biex jidħlu fil-kawża jekk jagħżlu li jagħmlu dan. Minħabba f'hekk, in-nuqqas tat-terzi f'kawża bħal dik ma jġibx l-effett li l-ġudizzju mhux sħiħ;

30. Illi għalhekk l-aggravju ma kienx ikun mistħoqq ukoll kieku din il-Qorti ma laqgħetx l-ewwel aggravju;

***Deċide:***

31. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tastjeni** milli tqis l-**appell inċidentali** tal-kumpanija attriċi appellata, u dan fid-dawl tar-rinunzja għalih bid-dikjarazzjoni magħmula f'isimha waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2019;

**Tilqa' f'parti l-appell** tal-intervenuti fil-kawża u għalhekk **tirriforma s-sentenza** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi, **tħassarha** safejn laqgħet it-tielet talba attriċi u safejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intervenuti fil-kawża u, minflok, billi tilqa' l-imsemmija tieni eċċezzjoni tal-intervenuti fil-kawża u billi tiċħad it-tielet talba attriċi; u **tikkonfermaha** fil-bqija; u

**Tordna** li l-**ispejjeż ta' din l-istanza** jitħallsu kif ġej: dawk tal-appell inċidentali tal-kumpanija attriċi appellata jitħallsu mill-istess appellata; u dawk tal-appell tal-intervenuti fil-kawża jitħallsu kwantu għal terz ($^1/_3$) mill-intervenuti appellanti u żewġ terzi ($^2/_3$) mill-kumpanija attriċi appellata u mill-intimat appellat solidalment.

Joseph R. Micallef
Aġent President

Tonio Mallia
Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm